# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza ta' nhar it-13 ta' Marzu 2023**

**Talba nru. 61/2022**

**GASAN MAMO INSURANCE LIMITED**
**KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TA' L-ASSIKURAT TAGHHA MARIO ZARB K.I. 78462M (C3143)**

***VERSUS***

**MARIO PACE**
**(KI 336577M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi permezz ta' Avvizipprezentat fl-1 ta' Marzu 2022 is-socjeta attrici talbet lill-konvenut ihallas l-ammont ta' elf sebgha mija sebgha u disghin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (Eur 1797.26) wara li s-socjeta attrici kienet harget polza ta' assikurazzjoni tat-tip comprehensive fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BCA 932 propjeta ta' l-attur Mario Zarb. Illi nhar it-22 ta' JAnnar 2020 sehh incident fi Triq l-Azjar Safi illi bhala konsegwenza tieghu il-vettura suriferita sofriet hsarat fl-imsemmija triq u dana meta ziemel bil-karru li kien fil-pussess u kontroll ta l-intimat sfratta u konsegwentament ikkaguna hsarat fil-vettura imsemmija. Illi b'hekk isegwi li l-incident de quo sehh unikament bhala rizultat ta' negligenza, traskuragni jew imperizja da parti tal-konvenut.

Ra illi ghalhekk s-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jigi ikkundannat ihallas lill-atturi s-somma komplesiva ta' elf sebgha mija sebgha u disghin Ewro u sita u ghoxrin centezmu rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' hamsin Ewro excess payment illi l-attur Mario Zarb hallas in konnessjoni ma' dan l-incident u in kwantu ghas-somma ta' elf sebgha mija u sebgha u erbghin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu id-danni kollha sofferti bhala rizultat ta' dan l-incident illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici Gasan Mamo Insurance Limited abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni. Bl-Ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 ta' Gunju 2021 u bl-interessi.

Ra illi l-konvenut gie debitament notifikat fit-2 ta’ Gunju 2022 kif jidher mir-riferta pozittiva li tinsab a fol.8.

Ra illi minkejja illi l-konvenut Mario Pace kien notifikat, huwa ma ressaqx risposta fiz-zmien li trid u tghid il-ligi u lanqas deher ghas-seduta jew deher xi rapprezentant ghalih. Fid-dawl ta’ dawn in-nuqqasijiet it-Tribunal iddikjara lill-konvenut Mario Pace fi stat ta’ kontumacja.

Ra illi s-socjeta attrici ipprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut fl-istess seduta tas-27 ta’ Gunju 2022.

Ra illi fl-udjenza tas-6 ta’ Dicembru 2022 il-konvenut rega ma deherx sabiex iwiegeb ghall-mistoqsijiet u lanqas deher xi rapprezentant tieghu.

Sema x-xhieda prodotta.

Ra id-dokumenti esebiti.

Ra l-atti processwali kollha u li din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi fl-istess udjenza, s-socjeta attrici ressqet lix-xhud Luke Zerafa li jokkupa l-kariga ta’ Motor Claims Officer mas-socjeta attrici li ipprezenta serje ta’ dokumenti, (Dok.LZ1 sa LZ11). Ix-xhud spjega kull dokument li kienu rapport tal-pulizija, il-polza ta’ l-assikurazzjoni, sommarju ta’ kif sehh l-incident u r-rapporti ta’ wara, il-lista tal-hsarat li garrbet il-vettura ta’ l-assikurat qua attur Mario Zarb kif ukoll serje ta’ ritratti li juru l-hsarat. Gew ipprezentati wkoll l-ammonti tal-hsarat reklamati u l-ittra ufficjali li intbaghtet lill-konvenut.

Ix-xhieda ta’ WPC191 Amy Zammit ikkonfermat illi hija kienet stazzjonata fl-Ghassa taz-Zurrieq fit-22 ta’ Jannar 2022 meta sehh l-incident u ipprezentat kopja tar-rapport li hija stess hejjiet fejn gie konfermat illi is-sur Mario Zarb kien mar jaghmel rapport dwar il-vettura tieghu.

Illi fl-udjenza tas-6 ta’ Frar 2023 is-socjeta attrici ressqet lil Mario Zarb li xehed illi fit-22 ta' Jannar, 2022, huwa kien qed isuq il-vettura Toyota Avensis BCA932 u li kien involut f'incident mal-konvenut Mario Pace meta dan ta l-ahhar kien ghaddej biz-ziemel u sfratta. Huwa iddikjara illi l-vettura tieghu garrbet xi hsarat kagun ta' dan l-istess incident u li kien sahansitra mar l-ghassa taz-Zurrieq flimkien mal-konvenut fejn kien sar ir-rapport. Ix-xhud iddikjara wkoll illi huwa assigurat ma' Gasan Insurance Limited, liema kumpanija kienet eventwalment hallset ghall-hsarat li garrbet il-vettura tieghu.

Illi fl-istess seduta xehdet ukoll Rebecca Zarb li iddikjarat li fit-22 ta' Jannar 2022 hija kienet riekba fuq wara ta’ l-istess vettura Toyota Avensis BCA932 li kien qed isuq missierha Mario Zarb. Hija iddikjarat illi waqt li kienu ghaddejjin minn triq f’ Hal Safi, sfratta ziemel li kien misjuq mill-konvenut Mario Pace u li kagun ta' dan l-incident il-vettura ta' missierha sofriet hsarat fil-bibien taghha. Hija iddikjarat ukoll li wara li sehh dan l-incident, il-Konvenut mar pogga z-ziemel f'postu u kien mar ma' missierha l-ghassa taz-Zurrieq sabiex jaghmel rapport.

Illi d-difensur tas-socjeta attrici iddikjarat fis-seduta tas-6 ta' Frar 2023 illi kienet ezawrixxiet il-provi taghha.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din id-disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tas-27 ta' Gunju 2022 il-konvenut kien gie debitament notifikata bl-atti processwali, izda l-konvenut baqa' ma ressaqx risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant legali tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenza sussegwenti. Tali konvenut, ghalhekk, kien gie dikjarat fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi s-socjeta attrici ressqet diversi xhieda in sostenn tat-talba taghha kif ukoll serje ta' dokumenti li jikkonfermaw l-hsarat u l-ammonti reklamati. Dawn ix-xhieda ghandhom jitqiesu bhala prova sodisfaċenti u kompluta u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni sabiex jiddubita l-veraċità ta' din ix-xhieda.

Illi fl-udjenza tas-27 ta' Gunju 2022 gie pprezentat kapitolu sabiex il-konvenut iwiegeb ghad-domandi in subizzjoni izda fis-seduta sussegwenti u cioe dik tat-13 t'Ottubru 2022 il-konvenut rega ma deherx.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attrici da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta ghamel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut/socjeta konvenuta. (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema' ix-xhieda prodotta mis-socjeta attrici, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li s-socjeta attrici timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba. It-Tribunal ha kont ta' dak li affermaw bil-gurament ir-rapprezentant tas-socjeta attrici Luke Zerafa, Mario Zarb, WPC 191 u Rebecca Zarb.

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mis-socjeta attrici u anke bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta t-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici u konsegwentement jiddikjara lill-konvenut huwa kkundanat ihallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' elf sebgha mijha sebgha u disghin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (Eur 1797.26) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mit-24 ta' Gunju 2021 (li hija data ta' l-ittra ufficcjali pprezentata fl-atti) u li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri inkluz ta' l-ittra ufficjali 1530/21 huma kollha a kariku tal-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur